Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru 206/2012

**L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Bezzina (appellant)**

**Vs**

**Josef Caruana (appellat)**

10 ta' Marzu, 2017.

1. L-attur harrek lill-konvenut quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) dwar artiklu pubblikat fil-gazzetta L-Orrizont fit-30 ta' Mejju, 2012 bit-titlu: "*Ebda Investigazzjoni tal-Pulizija s'issa fuq il-kaz Toni Bezzina*". Fl-artiklu nkiteb:

*"Il-Perit Toni Bezzina, Perit tal-Gvern u kandidat ta' GonziPN fuq il-Hames distrett, li skond inkjesta talab haddiema tal-Gvern jiffirmaw affidavit li ma ghamlux xoghol fuq il-kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq meta fil-fatt kienu ghamluh, ghadu mhux qed jigi investigat mill-Pulizija.*

*L-Orizzont jista jizvela li waqt l-inkjesta, u taht gurament, il-Perit Bezzina ammetta li kien hu li pprepara d-dikjarazzjoni ghall-haddiema u kien hu li ha lill-istess haddiema biex jaghmlu l-affidavit.*

*Minkejja li din l-inkjesta inzammet interna, jidher li ma kien hemm ebda investigazzjoni tal-Pulizija sa issa biex jiddentifikaw jekk kienx hemm ksur tal-ligi f'dan l-agir.*

*L-inkjesta sabet li dawn il-haddiema ghamlu x-xoghol b'mod volotarju barra l-hin tax-xoghol. Imma fatti zvelati fi-gazzetta Kullhadd urew li dan ix-xoghol sar matul il-jum u l-haddiema marru fuq il-post bil-vann tax-xoghol.*

*Wara li dan il-kaz gie zvelat, il-Perit Bezzina baghat ghall-haddiema, ippreparalhom dikjarazzjoni li talabhom jiffirmaw.*

*L-ghada rega baghat ghall-haddiema fl-ufficju tieghu Beltissebh u hadhom bil-karozza tieghu ghand nutar biex isir affidavit.*

*S'issa la l-Gvern ma ha passi fuq il-Perit Bezzina bhala Perit tal-Gvern u lanqas il-PN ma ha passi fuq l-istess Perit bhala kandidat u President tal-kazin taz-Zurrieq".*

2. Il-konvenut iddefenda ruhu billi ddikjara li l-kitba fiha biss fatti u xi kummenti b'ezercizzju tal-liberta ta' espressjoni.

3. B'sentenza tat-13 ta' Gunju 2016 l-ewwel qorti laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u cahdet it-talba tal-attur. Fis-sentenza l-qorti osservat:

*"Jirrizulta, minn harsa lejn l-artikolu illi dwaru qieghed jilmenta ir-rikorrent, illi l-fatti kollha kif indikati f'tali artikolu jirrizultaw ippruvati.*

*Jirrizulta, di fatti, illi l-haddiema marru ghax-xoghol fiz-Zurrieq bil-vann tax-xoghol illi kienu bih, u jirrizulta kkonfermat mix-xhieda tal-haddiema stess, illi huma marru wara nofsinhar, u ghalhekk hassew li marru waqt il-hin tax-xoghol, kif inghad fl-artikolu.*

*Jirrizulta, ukoll, illi huwa minnu illi r-rikorrenti lestielhom dikjarazzjoni illi kellha tigi iffirmata mit-tlett haddiema.*

*Jirrizulta, finalment, ukoll ippruvat illi t-tlett haddiema ittiehdu waqt il-hin tax-xoghol ghand nutar tal-fiducja tar-rikorrenti, sabiex jikkonfermaw affidavit iehor preparat ghalihom bil-gurament.*

*Jirrizulta illi dawna l-fatti kollha gew ikkonfermati bil-gurament minn tnejn mit-tlett haddiema, peress illi t-tielet haddiem ma ttellax.*

*Jirrizulta, finalment, illi l-persuna illi setgha jikkorrobora l-posizzjoni mehudha mir-rikorrenti, ossija Joseph Borda, ma ttellax mir-rikorrent.*

*Jirrizulta, ghalhekk, illi l-fatt kif rappurtat fl-artikolu jirrizultaw ben ippruvati.*

*Jirrizulta, finalment, illi l-intimat kien qieghed jaqdi korrettement id-dmir tieghu ta' gurnalist meta rrapporta ahbar illi kienet tirrigwarda persuna pubblika, bhalma huwa ir-rikorrent, liema ahbar kienet certament ta' interess pubbliku, stante illi kienet tirrigwarda l-uzu ta' haddiema sudetti tar-rikorrent sabiex jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni gewwa il-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq, illi tieghu ir-rikorrent kien President.*

*Bhalma dejjem insistiet dina l-Qorti, il-gurnalist mhux biss ghandu d-dritt illi jxandar informazzjoni ta' tali tip, izda ghandu d-dmir illi jassikura illi l-poplu jkun jaf bl-azzjonijiet mehuda mill-politici illi jigu eletti mill-istess poplu u, sakemm tali informazzjoni tkun sostanzjalment korretta, dina ma tistax titqies bhala libelluza u malafamanti fil-konfront ta' min ihossu urtat biha"*.

4. L-attur appella mis-sentenza tal-ewwel qorti fejn argumenta li mill-provi kien irrizulta li ma kienx assolutament minnu li, *"... skont l-inkjesta talab haddiema tal-Gvern jiffirmaw affidavit li ma ghamlux xoghol fuq il-kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq meta fil-fatt kienu ghamluh"*. Dak li rrizulta hu li wkoll lanqas ma kien assolutament minnu li, *"…. l-Perit Bezzina ammetta li kien hu li pprepara d-dikjarazzjoni (jigifieri dikjarazzjoni fejn huma jichdu li qatt ghamlu dan ix-xoghol"*.

5. Il-konvenut wiegeb li l-appell kellu jigu michud u s-sentenza tal-ewwel qorti konfermata. Dak li nkiteb kien fih fatti veri u gie ezercitat il-jedd tal-liberta ta' espressjoni. Inoltre kien dmir tieghu bhala gurnalist li jgharraf lill-pubbliku b'dan l-affarijiet ta' nteress pubbliku. L-ewwel qorti semghet lix-xhieda viva voce u ghalhekk kienet f'posizzjoni li tosserva, tqis, twiezen u tapprezza bl-ahjar mod possibbli l-ghoti ta' din ix-xhieda. Il-qorti semghet haddiema li gew rinfaccjati b'affidavit li ma ddetawhx huma, u fl-istorja kollha kellu parti ewlenija Joseph Borda.

6. Il-fatti dikjarati fl-artiklu huma li:

    i. Skont inkjesta l-attur talab haddiema tal-Gvern sabiex jiffirmaw affidavit li ma ghamlux xoghol fil-kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq, meta fil-fatt ghamluh.
    ii. Fl-inkjesta l-perit kien ammetta li pprepara d-dikjarazzjoni ghall-haddiema u kien hu li ha lill-haddiema biex jaghmlu l-affidavit ghand nutar.
    iii. L-inkjesta sabet li l-haddiema ghamlu x-xoghol b'mod volontarju barra l-hin tax-xoghol. Pero minn fatti zvelati mill-gazzetta l-Kullhadd, irrizulta li x-xoghol sar matul il-jum u l-haddiema marru fil-post bil-vann tax-xoghol.
    iv. Il-Gvern u l-Partit Nazzjonalista kienu ghadhom ma hadux passi kontra l-attur.

7. Wara li l-qorti qrat l-atti tosserva:

    i. Meta xehed (ara affidavit a fol. 12), l-attur qal li pprezenta zewg kawzi ta' libell minhabba li, *"(…..) f'dawn iz-zewg artikoli minkejja li kien hareg car il-fatt li x-xoghol sar bla hlas u wara l-hin tax-xoghol baqa' xorta wahda jigi allegat illi l-haddiema in kwistjoni gew mqabbda jaghmlu t-tibjid ta' din il-kamra tal-bejt waqt il-hin tax-xoghol taghhom"*. Pero' fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta fl-ewwel qorti, spjega li l-ilment tieghu jitratta dwar dik il-parti tal-artiklu fejn inkiteb li:

        (a) skont inkjesta l-attur kien talab tlett haddiema tal-Gvern sabiex jiffirmaw affidavit li ma kinux ghamlu xoghol fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista gewwa z-Zurrieq, meta fil-fatt hadmu fil-kazin[1].
        (b) l-attur li pprepara d-dikjarazzjoni ghall-haddiema. Ovvjament hawnhekk l-artikolista qed jirreferi ghal dikjarazzjoni li fiha suppost inghad li l-haddiema tal-Gvern m'ghamlux xoghol fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista taz-Zurrieq.

    Ghalkemm hemm divergenza bejn dak li xehed l-attur u dak li qal fin-nota ta' sottomissjonijiet ghal dak li jirrigwada l-ilment tieghu, xorta ghandu jedd jilmenta dwar l-ewwel parti tal-artiklu oggett tal-kawza gialadarba fir-rikors promotur ma llimitax l-ilment ghal xi parti partikolari tal-artiklu.

    Jirrizulta li dwar dan il-kaz is-Segretarju Parlamentari ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali kien hatar Bord ta' Investigazzjoni kompost minn tlieta min-nies, u ghamel rapport (fol. 59). L-inkarigu ta' dan il-Bord kien sabiex jirraporta:

[1] Ara dik il-parti tan-nota ntestata Konsiderazzjonijiet ta' Fatt.

*"(i) whether employees within the Rapid Intervention team performed maintenance duties at the PN Zurrieq Club during Februray/March 2012 during normal working hours and if it results that such work was carried out, to identify the Officer/s who gave such order.*
*(ii) investigate the Officer/s who ordered such working during normal working hours;*
*(iii) investigate the allegations made by workers that were ordered to sign a declaration by their superiors"*.

Fir-rapport tal-Bord ta' Investigazzjoni ma jinghadx li kien irrizulta li l-attur talab haddiema tal-Gvern sabiex jiffirmaw affidavit li m'ghamlux xoghol fil-kazin Nazzjonalita taz-Zurrieq, meta fil-fatt sar u li kien ipprepara xi dikjarazzjoni f'dan is-sens. Fatti li jekk huma minnhom huma gravi gialadarba jkun ifisser li l-attur jigi li jkun talab lil dawn it-tliet haddiema tal-Gvern sabiex jiehdu gurament falz. Billi m'hemmx provi li jissostanzjaw din il-parti tal-artiklu, ifisser li f'dik il-parti tal-artiklu gie rapportat fatt li mhuwiex veru. Fatt li lanqas ma rrizulta mill-provi li tressqu quddiem il-qorti. Peress li kien il-konvenut li fl-ewwel eccezzjoni nvoka d-difiza tal-verita' tal-fatti (fol. 6), l-oneru tal-prova kien fuqu. Prova li m'ghamilx. Ghaldaqstant, l-ewwel qorti kienet zbaljata meta fis-sentenza qalet, *"(….) illi l-fatti kollha kif indikati f'tali artikolu jirrizultaw ippruvati"* (fol. 11 tas-sentenza).

ii. Effettivament dikjarazzjoni saret, pero' mhux tat-tip li nghata x'jifhem fl-artiklu. Meta ta l-verzjoni quddiem il-Bord ta' Investigazzjoni, l-attur ikkonferma li kien hu li ttajpja d-dikjarazzjoni, u din taqra:

*"Ahna hawn taht iffirmati niddikjaraw illi x-xoghol ta' tibjid ta' kamra fuq il-bejt tal-Kazin tal-PN iz-Zurrieq ghamilnieh min jeddna, wara l-hin tax-xoghol u b'mod volontarju"*.

Inoltre, mill-istess verzjoni jirrizulta li kien l-attur li ha l-inizjattiva li t-tliet haddiema jikkonfermaw id-dikjarazzjoni bil-gurament. Fil-fatt akkumpanjahom l-ufficcju tan-nutar Dr Joseph Darmanin, il-Belt. Quddiem il-Bord tal-Inkjesta, jidher li l-attur stess ikkonferma dan tant tant li nkiteb: *"Fil-fatt, meta kienu ghand in-Nutar huwa xtaq johrog jistenna barra halli zgur ihossuhom hielsa imma huma nsistew li jibqa' maghhom u baqa' gewwa"*. Kull wiehed mill-haddiema ghamel affidavit li jaqra hekk:

*"(…..) ix-xoghol ta' tibjid minni maghmul fil-kamra tal-bejt tal-Kazin tal-Partit Nazzjonalista taz-Zurrieq, kien gie minni maghmul minn jeddi minghajr hadd ma geghlni, b'mod volontarju u minghajr hlas u t-tibjid sar kollu wara l-hin tax-xoghol"*.

Ghaldaqstant hu veru dak li jinghad fl-artiklu li quddiem il-Bord tal-Inkjesta l-attur qal li, *"(…..) kien hu li pprepara d-dikjarazzjoni ghall-*

*haddiema u kien hu li ha lill-istess haddiema biex jaghmlu affidavit"*, ghalkemm mhux dikjarazzjoni tat-tip li nghata x'jifhem fl-artiklu.

iii. Kuntrarjament ghal dak li nkiteb fl-artiklu, il-Bord ta' Investigazzjoni m'ghamel l-ebda konkluzjoni dwar jekk ix-xoghol kienx volontarju jew le (ara dik il-parti konkluzjonijiet). Pero' mill-provi hu evidenti li dawn it-tlieta min-nies ghamlu x-xoghol ghaliex baghathom Joseph Borda, is-superjur taghhom. Dan wara li l-attur kien qallu sabiex isiblu haddiema biex jaghmlu xoghol fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista taz-Zurrieq. Quddiem il-qorti:

**Charles Curmi** xehed:
*"Dwar xoghlijiet fil-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq niftakar illi darba minnhom kien cempilli u kien kellimni Joe Borda fejn dak iz-zmien konna qed nahdmu Ta' Xbiex u qalli li* ***kellu bicca xoghol ghalija u kelli niehu lil tliet haddiema mieghi****"*.

**Paul Inguanez** xehed:
*"(…) kien gie Borda u kien qalli – 'hares, ghandna bicca xoghol biex naghmlu ghal perit'. Meta qalli li ghandu bicca xoghol ghal perit jiena mill-ewwel fhimtu illi kien qed jirreferi ghal Perit Bezzina"*.

M'hemmx prova li l-haddiema talbu flus ghax-xoghol li ghamlu jew li gew offruti flus jew kumpens ta' xort'ohra, u mir-rapport ma jirrizultax li l-Bord talab lil dawn it-tliet haddiema sabiex jaghtu taghrif f'dan ir-rigward.

iv. Fl-artiklu in ezami jinghad ukoll li minn dak rappurtat fil-gurnal Kullhadd kien irrizulta li x-xoghol, *"(….) sar matul il-jum u l-haddiema marru fuq il-post bil-vann tax-xoghol"*. Mill-verzjonijiet li dawn il-haddiema taw quddiem il-Bord ta' Investigazzjoni, il-qorti fehmet li ma sarx uzu mill-vann tax-xoghol. Pero' mhuwiex car jekk il-vettura CQZ 027 li ssemmiet minn Inguanez u Bugeja bhala l-vettura li wzaw, kinitx vettura li tintuza mid-Dipartiment. Kull ma qalu kien li dik il-vettura kienet tal-kiri. Madankollu meta Paul Inguanez xehed fil-qorti, qal li l-ewwel darba marru jaraw ix-xoghol bil-vann tax-xoghol (fol. 63).

v. Ghal dak li jirrigwarda l-hinijiet tax-xoghol, l-attur qal lill-Bord li l-hin tax-xoghol ta' Inguanez, Curmi u Bugeja kien mis-7 ta' filghodu sas-1.30 pm, filwaqt li Borda qal li jahdmu mis-7 ta' filghodu sal-4.45 ta' wara nofsinhar, izda jahdmu bl-imqieta sas-1.30 ta' wara nofsinhar. Il-Bord ikkonkluda li l-hin tax-xoghol kien bejn is-7 ta' filghodu u s-1.30 ta' wara nofsinhar; *"(…..) ghal Borda u l-perit Bezzina, kif ukoll ghat-tliet haddiema in kwistjoni, jigifieri Curmi, Inguanez u Bugeja, il-hin normali tax-xoghol taghhom kien jispicca fis-1.30 pm"*. Pero' f'dik il-parti tar-rapport fejn giet riprodotta l-verzjoni li taw it-tliet haddiema,

imkien ma jinghad li l-haddiema qalu lill-Bord li l-gurnata tax-xoghol taghhom kienet tispicca fis-1.30p.m. L-indikazzjoni hu li l-Bord strah fuq l-affidavit li ghamlu l-haddiema quddiem in-nutar Darmanin, fejn qalu li x-xoghol sar *"wara l-hin tax-xoghol"*. Mir-rapport ma jirrizultax li xi membru tal-Bord staqsa lill-haddiema sa x'hin kienu jahdmu. Gialadarba wiehed mid-dmirijiet tal-Bord kien li jiddetermina jekk ix-xoghol sarx *"during normal working hours"*, kien certament floku li l-Bord jigbor tali taghrif minghand ufficjali tad-Dipartiment li setghu jaghtuh u li jkunu ndipendenti mill-attur u Borda, li ovvjament kellhom interess personali fil-kaz. Sahansitra, meta:

(a) Charles Curmi xehed fil-qorti qal li l-hin tax-xoghol taghhom hu, *"(...) mis-sebgha sal-hamsa neqsin kwart. U ahna konna morna fuq dan il-post wara nofsinhar"*. Kompla jghid li damu tlett ijiem jahdmu fil-kazin u, *"(....) dejjem morna wara nofsinhar. Meta nghid wara nofsinhar nghid litteralment min-nofsinhar 'il quddiem"*.

(b) Paul Inguanez xehed fil-qorti, qal li d-darbtejn li marru jahdmu fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista, *"Id-darbtejn li morna konna morna hiniijet tax-xoghol"*.

Il-qorti tara difficli temmen li Curmi u Inguanez ma kinux jafu x'inhu l-hin tax-xoghol taghhom. Pero' jibqa' l-fatt li m'hemmx prova indipendenti ta' x'kienu l-hinijiet tax-xoghol tal-haddiema li hadmu fil-kazin. L-ewwel qorti kellha l-opportunita' li tisma' lil Curmi u Inguanez jixhdu *viva voce* u jidher li tat kredibilita' lil din il-verzjoni tant li qalet li l-fatti li lmenta minnhom l-attur kienu ppruvati. Pero' l-qorti tinnota li f'dikjarazzjoni ohra li Paul Inguanez u Mario Bugeja ffirmaw, u li skond Paul Inguanez saret fil-Kwartieri Generali tal-Partit Laburista[2], ma qalux li x-xoghol fil-kaz sar waqt il-hin tax-xoghol filwaqt li semmew li x-xoghol m'ghamluhx minn jeddhom u volontarjament. F'kull kaz f'din il-parti tal-artiklu, gie semplicement rapportat dak li kien gie ppubblikat fil-gazzetta Kullhadd (ara artiklu tat-28 ta' April, 2012 a fol. 28). Madankollu li rrizulta wkoll mill-provi, u mhuwiex kontradett b'xi prova ohra, hu li l-attur kien ghamilha cara lil Joseph Borda sabiex ix-xoghol isir wara l-hin tax-xoghol (ara verzjoni li ta Borda quddiem il-Bord u l-affidavit tal-attur li ma sarlux kontro-ezami). Irrizulta wkoll li l-ordnijiet lill-haddiema nghataw minn Joseph Borda u mhux mill-attur.

vi. Ghall-qorti hu evidenti li meta dan il-kaz gie rapportat fil-gazzetta Kullhadd tal-21 ta' April 2012, l-attur inhakem minn sens ta' paniku. Il-qorti hekk biss tista' tinterpreta l-fatt li:

[2] F'dan ir-rigward Paul Inguanez xehed: *"Nixtieq nghid illi din id-dikjarazzjoni lili giet ittajpjata fil-Kwartieri Generali tal-Partit Laburista u niftakar illi jiena ffirmajtha hemmhekk"* (kopja tad-dikjarazzjoni hi mehmuza mar-rapport).

(a) L-attur baghat ghal dawn it-tlett haddiema u pprepara dikjarazzjoni u qalilhom sabiex jiffirmawha, u fil-fatt iffirmaw[3]. Dikjarazzjoni li fiha d-data tat-23 ta' April, 2012. Sahansitra Mario Bugeja, li ma kienx xehed fil-kawza, qal lill-Bord ta' Investigazzjoni li kien proprju dakinhar tal-funeral ta' ommu li ntalab imur ghand il-perit Bezzina u ffirma d-dikjarazzjoni. Indizju iehor li kien hemm urgenza min-naha tal-attur li fl-iqsar zmien possibbli jkollu f'idu dikjarazzjoni ffirmata mill-haddiema li x-xoghol fil-kazin ghamluh minn jeddhom. Pero' d-dikjarazzjoni u l-affidavit, ghall-inqas f'parti minnhom, ma jirriflettux il-fatti kollha tal-kaz. It-tliet haddiema marru jahdmu fil-post ghaliex Borda, li kien is-superjur taghhom, qalilhom. Fil-fatt mid-deposizzjoni ta' Inguanez u Curmi jidher li kien biss kif waslu z-Zurrieq li saru jafu li x-xoghol kellu jsir fil-kazin taz-Zurrieq. Il-qorti tifhem ukoll li rrispettivament ta' x'verament kienet ir-rieda tal-haddiema, huma ghamlu dak li qalilhom Borda meqjus li kien is-superjur taghhom u fl-istess hin kienu jafu li x-xoghol kien ghall-attur, li kien ukoll superjur taghhom. F'dan ir-rigward il-qorti ssib ukoll element ta' sudditanza. Bla dubju dawn il-haddiema ma kellhomx jitqieghdu f'din il-posizzjoni. F'dan il-kuntest il-Bord tal-Investigazzjoni qal ukoll:

*"2. Il-Bord ihoss ukoll, bl-gherf tal-harsien b'lura, li* ***haddiema tal-Ministeru m'ghandhomx jintalbu xoghol privat mill-istess superjuri taghhom****, sabiex l-aspettativi taz-zewg nahat qatt ma jkunu f'kunflitt minhabba tahlit ta' rwoli u nuqqas ta' kjarezza li tista' tirrizulta minn tali cirkostanzi".*

L-istess gara meta ghamlu dikjarazzjoni u wara l-affidavit fejn jidher li l-haddiema baxxew rashom ghar-rieda tas-superjuri taghhom. Fatt li dwaru sar accenn ukoll mill-Bord ta' Investigazzjoni f'pagna tmienja tar-rapport. Filwaqt li l-haddiema marru jahdmu fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista ghaliex Joseph Borda hekk qalilhom jaghmlu, spiccaw sabu ruhhom fis-sitwazzjoni fejn kellhom jaghmlu dikjarazzjoni u wara affidavit.

(b) Wara hadhom ghand in-nutar Dr Joseph Darmanin, li l-qorti fehmet li kien intghazel mill-istess attur, sabiex jaghmlu affidavit fejn ikkonfermaw dak li qalu fid-dikjarazzjoni. Dan waqt il-hin tax-xoghol u sahansitra Charles Curmi qal li marru, *"(....) b'karozza tal-kiri kif nafuha ahna 'impressed' jigifieri karozza mikrija lill-gvern ghas-servizz tal-Public Works"* (fol. 61). Tliet haddiema li sabu ruhhom f'din il-konfuzjoni kollha bla bzonn.

Il-qorti ser tqies dawn ic-cirkostanzi meta tigi biex tillikwida l-kumpens li ghandu jithallas lill-attur.

---

[3] Fir-rapport tal-Bord tal-Investigazzjoni fil-parti fejn hemm rapportat x'qal l-attur, jinghad: *"Wara li deher l-artiklu fil-gazzetta kellmuh mill-Ministeru u staqsewh jistax jikkonferma li x-xoghol kien sar wara l-hin tax-xoghol. Huwa baghat ghat-tliet haddiema li kienu ghamlu x-xoghol biex jiffirmaw dikjarazzjoni. Huwa mbaghad ittajpja d-dikjarazzjoni u qabel iffirmawha huwa spjegalhom x'kienet tghid id-dikjarazzjoni".*

8. Filwaqt li gurnalist ghandu kull jedd u anzi dmir li jirrapporta grajjiet ta' nteress pubbliku, pero' ghandu jaqdi dmirijietu in *bona fede* u m'ghandux jedd jakkuza persuna b'fatti li ma jkunux veri. Id-dritt tal-liberta ta' espressjoni mhuwiex dak li tivvinta. Fil-fehma ta' din il-qorti id-dikjarazzjoni li saret fl-artiklu oggett tal-kawza li, *"(…..) skont inkjesta talab haddiema tal-Gvern jiffirmaw affidavit li* ***ma ghamlux xoghol fuq il-kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq meta fil-fatt kienu ghamluh****….."*, hi serja in kwantu tfisser li l-attur talab lill-haddiema li hadmu fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista taz-Zurrieq sabiex jigdbu u jikkonfermaw bil-gurament li m'ghamlux xoghol fil-kazin, meta fil-fatt ghamluh. Talba li ma giet bl-ebda mod ippruvata. Ghalhekk din il-qorti ma taqbilx mal-ewwel qorti in kwantu ssib li dik il-parti tal-artiklu fejn jinghad li l-attur:

*"(….) skont inkjesta talab haddiema tal-Gvern jiffirmaw affidavit li ma ghamlux xoghol fuq il-kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq meta fil-fatt kienu ghamluh….."*;

hi malafamanti in kwantu bazata fuq fatt mhux pruvat mill-konvenut li nvoka d-difiza tal-verita tal-fatti. Ghalkemm fl-artiklu hemm fatti li jirrizultaw li huma veri, pero' dan il-fatt wahdu jattakka r-reputazzjoni tal-attur, li mill-provi rrizulta li kien ser ikun kandidat ghall-Partit Nazzjonalista fl-elezzjoni li saret fis-sena 2013 u kien attiv fil-politika.

9. Ghal dak li jirrigwarda d-danni, il-qorti ser tillikwida s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) wara li qieset dak li qalet fir-rigward tad-dikjarazzjoni u affidavit li ghamlu Inguanez, Bugeja u Curmi li saru fuq inizjattiva tal-istess attur.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tilqa' l-appell.**
2. **Thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Gunju, 2016.**
3. **Tichad l-eccezzjonijiet u ghar-raguni hawn fuq moghtija tiddikjara li fl-artiklu *"Ebda Investigazzjoni tal-Pulizija s'issa fuq il-kaz Toni Bezzina"* saret malafama lill-attur.**
4. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mitt ewro (€300), danni morali.**

**Spejjez kollha, inkluzi dawk relatati mal-proceduri quddiem l-ewwel qorti, a karigu tal-konvenut.**

Anthony Ellul.